MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 764/1989/1

John, Consolata mart Alfred Camilleri, Nicholas f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' Suor Stefania fis-seklu Maria Rosaria, ahwa Vassallo u l-istess Alfred Camilleri ghal kull interess li jista' jkollu
vs
Joseph u Maria Lourdes konjugi Sciberras

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi b'kuntratt tat-3 ta' Gunju, 1987 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius (Dok. A), missier uhud mill-kontendenti Joseph Vassallo llum mejjet, kien assenja u ttrasferixxa b'titolu ta' ***"datio in solutum"*** lill-konvenuta bicca art fil-limiti tas-Siggiewi, kontrada ta' Bur il-Kbir, ta' kejl ta' cirka 3408.4 metri kwadri.

Illi fiz-zmien meta kien sar il-kuntratt l-imsemmi Joseph Vassallo ma kellux l-uzu tar-raguni u ghalhekk il-kuntratt ma kellu ebda validita` skond il-ligi stante vizzju tal-kunsens.

Illi ghalhekk l-imsemmi kuntratt kien null u bla effett legali kif kien ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt fuq imsemmi tat-3 ta’ Gunju 1987 kien null u bla effett legali minhabba vizzju tal-kunsens ta’ Joseph Vassallo.

2. Tordna r-rexissjoni tal-istess kuntratt.

3. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att tar-rexissjoni u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kontumaci fuq l-att.

4. Tiffissa gurnata, hin u lok sabiex jigi pubblikat l-istess att ta’ rexissjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

Illi missierha fid-data li kien sar il-kuntratt tad-***datio in solutum*** tat-3 ta’ Gunju, 1987 kien kapaci jintendi u jifhem u ghamel dak il-kuntratt billi verament kellu jaghti lill-konvenuti ammonti simili in linea ta’ servigi lilu rezi;

B’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-konvenuti mal-bilanci ta’ servigi lilhom dovuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li biha eccepew:

Illi huma kienu xtaqu jeccepixxu wkoll id-dekadenza ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kapitolu 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta (1984) ghall-azzjoni iddettata mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tat-23 ta' Marzu 1990 li bih Dr. Lorraine Schembri Orland giet nominata bhala perit legali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi li fiha ssemma li l-atturi kienu ffirmaw kuntratt ta' ***datio in solutum*** ma' Joseph Vassallo, missier uhud mill-kontendenti fit-3 ta' Gunju 1987 fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius. Sostnew li dak iz-zmien Joseph Vassallo ma kellux l-uzu tar-raguni u ghalhekk il-kunsens kien vizzjat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti li fiha ssemma li l-fatti kontenuti fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi ma kenitx kontestata. Il-fatti kontenuti fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi kienu kontestati billi dak iz-zmien missierha kellu l-kapacita` mentali necessarja biex jiffirma tali kuntratt. Ghalhekk il-kuntratt kien validu u rit u ma kien bl-ebda mod affett b'xi nullita`.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Lorraine Schembri Orland li fih ghamlet is-segwenti konsiderazjonijiet u konkluzjoni:

"KONSIDERAZZJONIJIET:

80. Illi fl-umli fehma tal-esponenti, mill-assjem tal-provi prodotti tissottometti li l-atturi ma esonerawx l-onere taghhom li jressqu provi sal-grad rikjest mil-ligi biex

jiggustifikaw it-talbiet taghhom u dana ghal diversi ragunijiet.

81. Il-partijiet jaqblu li omm l-atturi mietet f'Marzu 1987 u missierhom Joseph Vassallo miet fis-17 ta' Gunju 1987. Huma jaqblu wkoll li xi xaharejn qabel ittiehed mid-dar tieghu mill-konvenuti u ghix maghhom sakemm miet. Ma hemmx qbil ovvjament dwar l-istat mentali tieghu fil-mument tal-kunsens.

82. L-esponenti qabel xejn tinnota li dan il-kaz jiddokumenta tragikament firda bejn l-ahwa li zgur ma taghmilx gieh ghall-memorja tal-genituri taghhom li anke matul hajjithom hadu hsieb li jiddisponu minn gidhom b'mod ekwu u gust. B'xi mod jew iehor il-bicca l-kbira mill-ulied ippruvaw jaghtu sehemhom meta l-genituri taghhom gew fil-bzonn ta' ghinuna u sostenn fiziku izda kif jigri f'hafna kazijiet, il-piz jaqa' fuq xi hadd aktar mill-iehor, u jinbtu pretensjonijiet, bhal dak li gara fil-kaz odjern, ghal xi kumpens ghas-servigi rezi. F'dan il-kaz anke kif jirrizulta x-xhieda tat-tobba, id-decujus kien ben kurat mill-konvenuta li, mi-naha taghha, ssostni li kienet ilha s-snin anke torqod ma' missierha li kien inkontinenti u dan b'sagrificcju ghaliha u ghall-familja taghha.

83. Illi jirrizulta wkoll li d-decijus ma tantx kellu visiti mill-atturi jew mill-familjari tal-atturi f'dan il-perjodu li qatta' mal-konvenuta qabel ma miet u ghalhekk it-testimonjanzi taghhom rigward l-istat mentali tieghu qrib u fid-data tal-kuntratt hu mankanti.

84. Hu minnu li Nicholas Vassallo xehed li mohhu (ghad-decujus) beda jhallih minn wara l-mewt ta' martu. Hu minnu li l-atturi huma konkordi li fiz-zmien meta kien ghadi jghix god-dar tieghu, u cioe` qabel April 1987) kien qed ibati minn allucinazzjonijiet, nuqqas ta' memorja u disorjentament, jahseb li qieghed fl-ghalqa meta fil-fatt kien fis-sodda, lil ulied uliedu jahsibhom naghag, u kien anke johlom fuq ritratt tal-Madonna.

85. Huh Ganni Vassallo xehed li minn mindu mietet ommhom, missieru ma kienx f'sensih u kien jghid

kliem li ma jaghmlux sens. Missieru lanqas biss kien jgharfu. Martu izda xehdet li hu gieli (sottolinjar tieghi) ma kienx jaghrafha u ghalhekk a contrario sensu seta' kien hemm okkazjonijiet meta kien jaghrafha. Hi xehdet ukoll li kien ikun dejjem mitluf izda ma kenitx marret izzuru fil-perjodu meta kien qed jghix mal-konvenuti.

86. Illi l-esponenti ma tistax ma tosservax li l-atturi kienu semmew li certu Dun Gorg Grima u Dun Daniel Schembri kienu jzuru lil missierhom ta' spiss, l-ahhar wiehed biex iqarbnu. Dawn ix-xhieda, li setghu joffru testimonjanza indipendenti, ma tressqux.

87. Illi wkoll l-atturi stess anqas huma konkordi dwar il-perjodu meta missierhom, skond huma, beda jitlef is-sensi. Missierhom fil-fatt biddel it-testment ghall-habta ta' Marzu (izda d-data preciza ma tirrizultax u lanqas giet esebita kopja). Ghalhekk filwaqt li Joyce Vassallo tafferma li missier ir-ragel beda juri komportament mhux normali sa minn disa' xhur qabel ma miet, zewgha Nicholas Vassallo jafferma li hu cert li dan sehh wara l-mewt ta' ommu. L-implikazzjoni hija cara u dan ghaliex l-atturi kienu kawti fix-xhieda taghhom biex ma jippregudikawz il-validita` ta' dan it-testment li bbenefikaw minnu.

Hu wkoll skoncertanti li Dr. Carmelo Vella li skond l-atturi stess kien it-tabib kuranti tad-decujus, u gie prodott minnhom, mistoqsi jekk kienx it-tabib kuranti tad-decujus xehed li hu kien gieli jarah fl-ahhar zmien ta' hajtu imma ma kienx l-uniku tabib tieghu. Hu xehed izda *Fl-ahhar 6 xhur ta' hajtu gieli rajtu. F'dan il-perjodu kien senili. Ghalija dan ifisser li l-"main functions" tieghu bdew jonqsu. Mentalment jigifieri daqqa hemm u daqqa mhux hemm, fizikament jibda jonqos u anke l-mobilita` tieghu. Din il-kundizzjoni hija normali ghall-eta` tad-decujus* (ara para 44 ante).

88. Ix-xhieda ta' Dr. Vella hija snjifikanti ghaliex hu ddikjara li ma setax jeskludi li d-decujus kien tajjeb biex jaghmel testment **u dan ghaliex ix-xjuh ikollhom mumenti ta' lucidita`…**. Jien infisser li kien jaghraf lil

uliedu. Ma nistax nghid jekk kellux il-volonta` biex jaghmel testment ghaliex kont narah mill-aspett mediku u mhux minn aspetti ohra… Niftakar li kien hemm mumenti meta hu kien ghadu qed jifhem u kien jaghmel risposti ghal domandi semplici.

89. Illi izda, Dr. Vella rega' ttella biex jixhed u f'sin l-okkazjoni ikkontradixxa l-ewwel depozizzjoni tieghu. Hu rega' xehed u din id-darba stqarr li *"id-decujus kien ikun moribund meta kien imur jarah… dan ifisser li metalment ma kienx tajjeb. …Fil-perjodu immedjat qabel ma miet ma kienx lucidu. Ma nistax nghid kemm qabel ghaliex bil-kemm niftakar il-kaz. Jien ma kontx it-tabib kuranti tieghu u dan nghidu "guesswork" ghaliex rajtu biss 5 darbiet."* Hu xehed ukoll li ghand il-konvenuta kien rah forsi darba.

90. Illi l-konvenuti, min-naha taghhom tellghu diversi xhieda professjonisti in difiza u cioe` **Dr. Dennis Gatt, Dr. Louis Buhagiar, Dr. Anthony Pisani, Nutar Antoine Agius u Nutar Tony Abela**. L-esponenti tissottometti li t-testimonjanza ta' dawn ix-xhieda tiffavorixxi t-tezi tal-konvenuti. Jirrizulta li d-decujus kien afflitt minn infezzjoni minhabba fiha kellu deni qawwija fil-bidu tas-sena 1987. **Dr. Gatt** kien ikkurah u nizzillu d-deni. L-atturi stess ikkoroboraw il-fatt tal-infezzjoni. Hu verosomili li wiehed jallucina meta jkollu deni qawwi specjalment persuna tal-eta` tad-decujus. **Kemm Dr. Gatt, kif ukoll Dr. Buhagiar u Dr. Anthony Pisani**, tliet medici professjonisti kkonfermawh b'certezza li d-decujus kien f'sensih meta kienu jinvistawh u cioe`, fil-perjodu qabel ma miet. Dr. Buhagiar irrilaxxja tliet certifikati, fosthom wiehed datat **3 ta' Gunju 1987** propju fid-data tal-att mertu ta' din il-kawza. Dawn ix-xhieda ma tressqux in kontro ezami.

91. Illi dan ukoll gie konfermat min-**Nutar Antoine Agius** li irrediga l-att u min-**Nutar Tony Abela** li xehed li antecedentement ghall-pubblikazzjoni tal-att kien sar konvenju u applikazzjoni appozita lill-Kummissarju tal-Artijiet ghall-permess u kien wara li saru dawn il-formalitajiet u ghamlu r-ricerki li sar l-att finali.

92. Illi dawn ix-xhieda, kontrarjament ghax-xhud Dr. Vella, kienu konsistenti u cari fl-affermazzjoni taghhom li d-decujus kien f'sensih fil-mument jew vicin id-data tal-kuntratt.

93. Illi hu fatt importanti ukoll li d-decujus fil-fatt hareg mid-dar u mar jivvota fl-elezzjoni generali ta' Mejju 1987. Kien ittiehed personalment biex jigbor il-karta tal-vot kif ukoll mar jivvota. Dan il-fatt mhux kontestat mill-atturi.

94. Illi dwar l-allegat sekwestru tal-persuna, hemm konflitt ta' provi. Nicholas Vassallo xehed li ma ghamel ebda rapport. Min-naha taghha l-konvenuti jixhdu li kien id-decujus li talabhom biex jigi d-dar taghhom biex ma jibqax wahdu go daru. Jidhru wkoll li l-atturi tacitament accettaw dan il-fatt ghaliex il-missier thalla jabita mal-konvenuti.

KONKLUZJONI:

95. Ghaldaqstant l-esponenti tissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante l-fatti u konsiderazzjonijiet suesposti."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fuq talba tal-konsulent legali tal-atturi fit-2 ta' Mejju, 2006, il-Qorti taghtu l-fakulta` biex jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet sat-28 ta' Gunju, 2006. Izda fil-fatt ma giet prezentata ebda nota. Dr. Debono ddikjara li ma jaqbilx mall-konkluzjonijiet peritali. Fl-10 ta' Ottubru, 2006 il-Professur Refalo ghall-konvenuti ddikjara li jaqbel mall-konkluzjoni tar-rapport hlief ghas-sezzjoni relattiva ghall-preskrizzjoni u dan minhabba li jsostni li t-terminu jghaddi anke fil-kaz ta' persuni b'inkapacita` mentali.

Din il-qorti kif presjeduta kellha l-opportunita` li tidhol fuq l-aspett tal-piz tal-provi ta' min jallega u dan fil-kawza fl-ismijiet **Middlesea Insurance vs Rudolph Spiteri** deciza fil-31 ta' Jannar, 2007 fejn qalet:

"Biex tasal ghall-konkluzjoni dwar responsabbilta` il-Qorti trid taghmel valutazzjoni tad-deposizzjonijiet. Il-Kap 12 Artikolu 562 jghid:

**"562.** Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

Ukoll, li fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Gunju 1953 insibu:
"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - ***"ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"***."

Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega irid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur ssodisfa l-oneru tal-prova tieghu. Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. F'dan il-kaz il-prova li riedet issir kienet li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni jew li b'xi mod ikkontribwixxa ghalih.

Illi fir-rigward intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** (deciza28/04/2004):
"jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'**kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat***."

F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju ***'actore non probante reus absolvitur'***. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-proncipju l-iehor '***reus in excipiendo fit actor'***, ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu;

Il-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella** (02/05/1995) (App. Inf.) kienet tirrigwarda, bhal kaz odjern incident awtomobilistiku fej iz-zewg kontendenti taw

verzjonijiet opposti tad-dinamika tal-incident. Dan hu li qalet il-Qorti fic-cirkostanzi:
"Dawn iz-zewg verzjonijiet huma t-tnejn probabbli fic-cirkostanzi tal-incident …. Ma ngabet ebda prova ohra li b'xi mod tista taqleb il-bilanc favur terzi jew ohra w ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tasal ghall-konkluzjoni li l-attur ma lahaqx dak il-grad ta' prova ghall-ezitu favorevoli ghal din l-istanza."

Fl-istess kaz il-Qorti kkwotat b'approvazzjoni sentenza tal-Prim 'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri** (deciza 31/5/1972) fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:-
"… f'kawza Civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi".

Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni.

Il-partijiet ippruvaw jiskreditaw lil xulxin. Fil-kors tal-kawza il-konvenut ipprova jsostni li l-attur kien xurban. PS Giusti hass li kien f'siktu apparti milli l-attur cahad li ma kienx f'siktu. Minn-naha l-ohra l-attur fin-nota tieghu ipprova jiskredita lill-konvenut minhabba li dan ta' l-ahhar talab li ma jitnizzilx li hu kien qieghed isuq. PS Giusti ikkonferma li kien hemm talba f'dan is-sens minn terza persuna. Izda hawn ma ahniex qedghin nezaminaw fil-kamp kriminali izda f'dak civili. Il-fatt li wiehed kien qieghed isuq mhux kopert bl-assikurazzjoni ma jfissirx li dan ghadda minn fuq id-dwal homor. L-attur isostni li d-deposizzjoni tal-konvenut mhix attendibbli u jghid:
"Daqskemm Rudolph Spiteri ma ddejaqx jaghmel allegazzjonijiet foloz kontra Joseph Lautier u daqskemm ma ddejaqx jichad li huwa pprova jghid li ma kienx hu li qed isuq il-vettura IAK-202, certament ma kiex ser jiddejjaq hafna jghid illi kellu dawl ahdar quddiemu meta fil-fatt dan ma kienx il-kaz!...

Illi ghalhekk l-istampa hi ta' verzjonijiet diametrikament opposti li t-tnejn setghu jirriflettu l-verita` b'mod li l-Qorti jista' jkollha suppozizzjonijiet ta' dak li seta' gara izda fejn fic-cirkostanzi prezenti ma jistax ikollha konvinciment morali minhabba evalwazzjoni ta' probabbilitajiet izda mhux ta' fatti li jemergu b'mod car u li jwasslu lill-Qorti tkun moralment konvinta fuq il-htija ta' parti jew l-ohra. Il-Qorti tista' tasal ghal suppozizzjonijiet dwar il-kredibilita` tal-verzjoni tal-attur izda mhux ghall-konvinciment morali taghha b'tali mod li jwassluha ghall-konkluzjoni li l-konvenut necessarjament kellu tort. Infatti l-attur ma lahaqx dak il-grad ta' prova biex ikollu ezitu favorevoli anke meta wiehed jikkunsidra l-principju ***actor non probante reus absolvitur***. Jibqa' dejjem li l-attur irid jipprova l-verzjoni tieghu u mhux il-konvenut abbazi tal-principju ***onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat***."

L-istess japplika ghal kaz in ezami u ma hemm xejn iehor li jizdied dwar dan il-kaz taht dan l-aspett.

Dwar l-eccezzjoni ulterjuri bazata fuq id-dekadenza ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kapitolu 16 din il-qorti taghmel referenza ghal dak li qalet fil-kawza deciza minna fil-5 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Joseph Cachia vs Direttur tal-Ufficcju Kongunt tal-Ministeru ta' l-Intern u Fr. Carmelo Tabone:**

***D1. In-natura tal-eccezzjoni a tenur tal-artikoli 1222u 1223***

Din id-decizjoni tirrigwarda d-decizzjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 1222 (1) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jghid hekk:

**1222.** (1) Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.

(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.

L-artikolu 1223(1) ighid hekk:

"Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett."

Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta' rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kondizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti.

Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Illi fil-fatt, gie ritenut fil-kaz **Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li:
"Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta' eta` u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b'kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta' zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni inezistenti, filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni tezisti. U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet **Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001 gie deciz li:
"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Minn jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti certament ma ghamlux."

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Adrian de Haan vs George Whelpdale et** deciza fil-31 ta’ Lulju, 1996 [LXXX-II-I-893] irriteniet li t-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.

Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitamnet accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament. (Ara **Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Mejju 2001, u **Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju 2003).

Id-data trid tigi stabbilita b’mod car. Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci** deciza fit-28 ta’ Novembru, 2002 deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili [I J R Micallef] inghad:
“Illi marbut ma’ dan il-prinċipju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f’kull każ trid tistħarreġ u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni.”

Izda fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet **Sammy Murgo vs Henry P Cole** deciza fl-31 ta’ Mejju 2000 [LXXXIV-II-335] inghad:
“Meta obbligazzjoni hija minghajr kawza jew ibbazata fuq kawza falza jew kawza illecita, l-obbligazzjoni hija inesistenti. Il-prekrizzjoni biennali ta' l-azzjoni ta rexissjoni ta' kuntratt abbazi ta' l-artikou 1222 mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita radikali ghax din trendi l-obbligazzjoni inesistenti.

Il-preskrizzjoni kontra materjali tappartjeni lill-ordni pubbliku mhix ammessa bilii mhux konsentitli l-Qorti jimplimentaw u jaghtu forza guridika u esklussiva ghall-kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------